# Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
# Ġurisdizzjoni Superjuri
# Sezzjoni Ġenerali

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH
## B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)

**Rikors Ġuramentat Numru: 24/2020 SG**

**Francis Buttigieg u b'digriet tas-16 ta' Frar 2024 l-atti ġew trasfużi għal fuq it-tlett uliedu Antoinette Bugeja, Alvin Buttigieg u Miraldine Sant stante il-mewt tiegħu**

**vs**

**Francis Buttigieg et**

**Illum it-Tlieta, 16 ta' April 2024**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attur li fih ġie premess u mitlub:

1. *Illi r-rikorrenti huwa proprjetarju u pussessur ta' diversi bicciet ta' raba' fl- inhawi tan-Nigret, Qala, Ghawdex, kif ukoll ghandu dritt ta' uzu ta' kamra, tal- mithna u passagg komuni fl-istess inhawi, u dritt ta' tehid tal-ilma mit-tlett igwiebi u mill-ispiera flimkien ma' diversi terzi persuni, fosthom l-intimat Francis Buttigieg;*

2. *Illi ricentement, u cioe' f'data li tigi wara l-ghaxra (10) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), l-intimati: (i) radmu parti mill-passagg komuni li kien iservi in konnessjoni ma' l-uzu tal-mithna, b'materjal ta' gebel u materjal iehor, b'mod li wiehed issa ma jistax jibqa' jghaddi minnu liberalment; (ii) qabdu u ffurmaw zewg passaggi godda fuq it-tramuntana (minn gol-ghalqa) u fuq in-nofsinhar tal-mithna (minn gol-giebja) liema passaggi, gew iffurmati b'mod li jizbukkaw ghal fuq proprjeta' li kienet posseduta unikament mir- rikorrenti; (iii) waqqghu parti mill-hajt ta' giebja; kif ukoll (iv) poggew diversi wajers madwar il-mithna, liema wajers qed ikunu mhux biss ta' ostaklu, biex ir-rikorrent jghaddi mill-passagg komuni li qieghed taht il-mithna, izda wkoll ta' periklu.*

3. *Illi ghalhekk dan l-agir tal-konvenuti qed jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu ta' l-attur li jrid li dan l-ispoll jigi spurgat minghajr dewmien.*

4. *Illi dan ir-rikors qed jigi kkonfermat minn l-attur Francis Buttigieg li ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatt li taw lok ghal din il-kawza.*

***Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din il-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:-***

i. *Tiddikjara illi l-konvenuti, jew min minnhom, ikkommettew spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu ta' l-attur meta (i) radmu parti mill- passagg komuni fl-inhawi tan-Nigret, Qala, Ghawdex, li kien iservi in konnessjoni ma' l-uzu tal-mithna, b'materjal ta' gebel u materjal iehor, b'mod li wiehed issa ma jistax jibqa' jghaddi minnu liberalment; (ii) qabdu u u ffurmaw zewg passaggi godda fuq it-tramuntana( minn gol- ghalqa) u nofsinhar tal-mithna (minn gol-giebja) liema passaggi, gew iffurmati b'mod li jizbukkaw ghal fuq proprjeta' li kienet posseduta unikament mir-rikorrenti; (iii) waqqghu parti mill-hajt ta' giebja; kif ukoll (iv) poggew diversi wajers madwar il-mithna, liema wajers qed ikunu mhux biss ta' ostaklu, biex ir-rikorrent jghaddi mill-passagg komuni li qieghed taht il-mithna, izda wkoll ta' periklu.*

ii. *Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss jisporgaw l-ispoll minnhom kommess u jergghu jirripristinaw il-passagg, artijiet ta' l-attur, u l-mithna, ghall- istat li kienu fihom qabel twettaq l-ispoll, u jhalluhom a libera disposizzjoni ta' l-attur;*

iii. *Fin-nuqqas li jottemporaw irwiehhom ma' dik l-ordni, tawtorizza lill-attur jaghmel ix-xogholijiet necessarji huwa a spejjez tal-konvenuti.*

iv. *Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta' l-ittri datati 25 ta' Marzu 2020, 8 ta' April 2020 u 22 ta April 2020 u bl-ingunnzjoni tal-konvenuti minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti li fiha ingħadd:

1. *Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu ma jissusistux l-elementi rikjesti bil-liġi sabiex jirradikaw l-azzjoni ta' spoll.*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, għandu jigi ddikjarat li kull ma seta għamel l-esponenti sar biex jirreżisti l-vjolenza eżerċitata kontra l-propjeta tiegħu bl-agir abbużiv u*

*illegali tiegħu meta huwa stess ikkommetta spoll fil-konfront tal-esponenti u imblokka mogħdija li kienu jużaw. Dwar dan ġiet intavolata kawża ta' spoll mil-esponenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet fuq premessi iżda inversi bin-numru ta' referenza 42/2020.*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess l-esponenti jgħidu illi:*

   i. *Mhux minnhu li radmu xi parti mill-passaġġ komuni;*
   ii. *Mhux minnhu li qabdu ffurmaw xi passaġġi ġodda;*
   iii. *Mhux minnhu li waqqgħu xi parti mill-ħajt tal-ġiebja;*
   iv. *Mhux minnhu li ostokolaw jew ħolqu xi perikolu meta installaw wajers mal-mitħna. Dawn il-wajers minn dejjem kienu installati fil-post li jinsabu fihom illum iżda l-attur kien qallagħom mingħajr ebda raguni. Dawn reġgħu ġew installati taħt id-direzzjoni ta' Inginier u saru sabiex isaħħu l-istruttura tal-mitħna propjeta tagħhom liema mitħna ma kinitx tinsab fi stat tajjeb strutturali. Dawn il-wajers ma ostokolaw ebda mogħdija u dan peress li qatt ma kien hemm mogħdija minn taħt il-mitħna/fuq l-ispiera hekk kif qed jgħid l-attur.*

4. *Illi għalhekk din il-kawża għandha tiġi respinta bl-ispejjeż kontra l-atturi.*

5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dokumenti ppreżentati.

Rat l-affidavits ippreżentati.

Semgħet il-provi kollha prodotti.

Aċċediet fuq is-sit in kwistjoni.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Rat id-digriet tagħha fejn il-ġudizzju ġie trasfuż f' isem l-eredi tal-attur.

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Provi miġbura**

**Francis Buttiġieġ** xehed permezz ta' affidavit fejn spjega li huwa proprjetarju u pussessur ta' diversi biċċiet ta' raba' fl-inħawi ta' Nigret, Qala, Għawdex u li in konnessjoni ma' tali raba', huwa għandu dritt ta' użu ta' kamra, tal-mitħna u passaġġ komuni fl-istess inħawi u kif ukoll dritt ta' teħid tal-ilma mit-tlett iġwiebi u mill-ispiera flimkien ma' persuni oħra. Spjega li huwa jmur fir-raba' b' mod regolari iżda f' data li tiġi wara l-10 ta' Marzu 2020, Francis Buttiġieġ u

wliedu radmu parti mill-passaġġ komuni li kien iservi in konessjoni mal-użu tal-mitħna b' materjal ta' ġebel u materjal ieħor, b' mod li wieħed ma jistax jibqa' jgħaddi minnu liberalment. Sostna li dan il-passaġġ dejjem intuża biex ikun hemm aċċess għall-mitħna li tiġi operata manwalment kif ukoll biex wieħed imur jara l-ispiera. Intqal li dan il-passaġġ jagħti għal passaġġ ieħor li għandu dritt jgħaddi minnu hu biss biex ikun jista' jiftaħ il-bokka tal-ġwiebi tiegħu. Sostna li huwa dejjem jgħaddi minn dawn il-passaġġi. Spjega li l-materjal u ġebel li ntuża ġie meħud mir-raba' tiegħu billi nqala' ħajt li kien hemm.

Buttiġieġ kompla jgħid li Francis Buttiġieġ u wliedu qabdu u ffurmaw żewġ passaġġi ġo liema passaġġi ġew iffurmati b' mod li jiżbukkaw għal fuq porprjeta' li kienet posseduta minnu biss. Sostna li dawn kienu jgħaddu mill-passaġġ oriġinali iżda meta xeħtu l-ġebel u l-materjal bdew jgħaddu minn dawn il-passaġġi l-ġodda. Biex sar wieħed minn dawn il-passaġġi twaqqa' ħajt żgħir u tneħħew xi qasab, pajpijiet u tank li huwa kellu. Sostna wkoll li Francis Buttiġieġ u wliedu waqqgħu parti mill-ħajt tal-ġiebja kif ukoll poġġew wajers madwar il-mitħna liema wajers qed ikunu ta' ostakolu u ta' periklu.

Kompla jgħid li meta ġew mitkellma mill-pulizija, dawn il-wajers ġew mgħottija b'pipe biex ikunu iktar viżibli. Sosnta li wieħed irid joqgħod jitbaxxa biex jgħaddi taħt il-mitħna minħabba dawn il-wajers. In oltre, minħabba dawn il-wajers, lanqas tista' tiġi rranġata l-mitħna meta jkun hemm bżonn. Spjega li huwa jaħseb li dan kollu sar minn Francis Buttiġieġ u wliedu peress li huma biss jkunu f' dawn l-ambjenti u peress li meta ġew mitkellma mill-pulizija, huma għattew il-wajers b' pipe.

In kontroeżami, huwa kkonferma li kien sema' mingħand missieru li din kienet raba' waħda. Huwa kkonferma li l-art indikata bil-kulur vjola fuq il-pjanta esebita bħala Dok FB ġiet għandu riċentement peress li qabel kienet parti ta' oħtu u parti tal-kuġina tiegħu. Spjega li parti ġiet għandu madwar għoxrin sena ilu u l-oħra madwar tmien snin ilu. Ikkonferma li kien hemm żmien fejn din ir-raba' ma kinitx tinħadem. Spjega li biex il-konvenuti jgħaddu għal għalqa tagħhom, kien hemm passaġġ li jgħaddi minn fuq il-ġwiebi. Qal li minn nofs il-ġwiebi kien hemm passaġġ ta' ħajt wiesa' metro u jgħaddu minn fuqu. Sostna li kienu jsiru l-fallakki u jitilgħu. Insista iżda li l-passaġġ ta' fuq il-ġwiebi kien bir-riġel. Sosnta li l-ispiera nbniet ġol-proprjeta' tagħhom u ftehmu ma' xulxin li jkunu komuni.

Huwa spjega li l-passaġġ ġo tagħhom baqa' proprja. Qal li dawn l-aħħar tmien snin, huwa kien ħalla lill-konvenuti jgħaddu minn taħt il-mitħna u jibqgħu sejrin għal-għalqa tagħhom. Iżda issa għamlu żewġ passaġġi li għamlu l-ħsara bihom. Sostna li huwa ħallihom jgħaddu għal tmien snin minn taħt il-mitħna għax dan kien komuni li jmorru jsewwu l-istess mitħna. Insista li huma setgħu jgħaddu minn hemm biss għaliex ħallihom hu. Kompla jisħaq li ma hemmx passaġġi minn barra s-siġra taż-żebbuġa. Sostna li moħriet jgħaddi minn taħt il-mitħna. Meta mistoqsi x' sens jagħmel li l-konvenuti allegatament imblukkaw taħt il-mitħna b' ġebel meta huma kienu skont l-attur stess, jgħaddu minn hemm, l-attur wieġeb li x' sens jagħmel jafuh biss il-konvenuti.

Mistoqsi jekk il-ġebel tefgħux hu stess, huwa ċaħad. Spjega li l-ħajt kien sħiħ u inqala' mill-konvenuti. Insista li l-ġwiebi kellhom il-ħsara iżda l-konvenuti ma ħallewhx jirranġahom. Spjega li kienu l-konvenuti wkoll li kisru parti mis-siġra taż-żebbuġa. Ikkonferma li riċentement huwa ġab xi ħamrija fuq il-post u dana sabiex ikun jista' jisqi. Ċaħad li hemmhekk blat iżda qal li kien fiha xi pied trab. Huwa kkonferma li l-mitħna hija komuni u huwa avżahom bil-kelma li kien ser jagħmel xi tsiwijiet fiha. Ċaħad li kien hemm xi wires qabel mal-mitħna. Ikkonferma li huwa biddel xi kanen. Ikkonferma wkoll li hemm kawża ta' spoll miftuħa kontra tiegħu.

In rieżami, huwa spjega li l-ġebel li hemm taħt il-mitħna ilu hemm mit-12 ta' Marzu 2020 'l hawn.

**Alvin Buttiġieġ** xehed bl-affidavit fejn spjega li huwa iben l-attur. Qal li missieru jaħdem ir-raba' tiegħu u ta' oħtu u huwa ġieli kien imur jgħinu lil missieru fir-raba'. Sostna li dejjem kien hemm passaġġ li jagħti għal taħt il-mitħna li tinsab ġor-raba' ta' missieru u dan il-passaġġ kien jintuża ta' kuljum minn missieru. Sostna li għal nofs Marzu 2020 huwa mar biex jgħaddi mill-passaġġ u sab li taħt il-mitħna kien ġie mixħut ġebel u materjal ieħor u twaħħlu wajers mas-saqajn tal-mitħna. Sostna li dan kollu sar minn Francis Buttiġieġ u wliedu.

Kompla jgħid li taħt il-mitħna hemm spiera u din dejjem kienet tinżamm nadifa. Il-wajers li saru qegħdin f' għoli ta' xi ħames piedi mill-art. Dawn il-wajers huma ta' periklu u infatti spjega li missieru kien weġġa' magħhom. Insista li dawn il-wajers saru biex jostakolawhom milli jgħaddu mill-passaġġ ta' taħt il-mitħna. Bil-wajers huwa wkoll impossibbli li tintuża il-mitħna għaliex il-kanna ma tkunx tista' tgħaddi bil-wajers. Sostna li minħabba l-materjal li nxteħet fil-passaġġ, Francis Buttiġieġ u wliedu ma jistgħux jgħaddu wkoll u għalhekk iffurmaw żewġ passaġġi oħra. Sostna li dawn iż-żewġ passaġġi jiżbukkaw għal fuq proprjeta' ta' missieru.

In kontroeżami, huwa spjega li huwa ġieli ra lill-konvenuti jaqsmu għal ġor-raba' ta' missieru biex jgħaddu. Sostna li kienu jgħaddu minn taħt il-mitħna u minn fuq il-ġwiebi wkoll. Sostna li fuq il-ġiebja kien hemm mogħddija. Sostna li l-passaġġ minn fuq il-ġwiebi kien bir-riġel. Sostna li huwa qatt ma ra lill-konvenuti jaħartu l-għalqa tagħhom. Huwa ċaħad li l-konvenuti kienu jgħaddu minn barra l-mitħna għaliex qal li kien hemm ħajt baxx ta' filata. Spjega li ġieli tawhom permezz biex jgħaddu mir-raba' tagħhom. Huwa insista li qabel qatt ma kien hemm wajers mal-mitħna u ċaħad li hu u missieru qalgħu xi wajers li kien hemm mal-mitħna.

Ikkonferma li missieru jiżbor is-siġra taż-żebbuġ b' mod regolari. Meta mistoqsi kif jista' jkun li l-konvenuti kienu jgħaddu minn taħt il-mitħna jekk kien hemm siġar kbar ħafna fin-nofs, huwa sostna li kienu jgħaddu.

**Jessica Buġeja** spjegat li l-attur huwa n-nannu tagħha u li għal dawn l-aħħar tlett snin, hija ġieli marret f' dawn l-inħawi. Sostniet li kienet tgħaddi minn passaġġ li jgħaddi minn taħt il-mitħna u qalet li n-nannu wkoll kien jgħaddi minn dan il-passaġġ meta kien ser ikun jiftaħ l-ilma mill-bokka tal-ġiebja ż-żgħira u tal-kbira biex jisqi. Qalet li fil-21 ta' Marzu 2020 u fl-10 ta' Mejju 2020, hija marret f' dawn l-ambjenti u sabet l-passaġġ imblukkat b' ġebel u materjal ieħor fl-art

li tinsab taħt il-mitħna. Qalet li l-passaġġ ġie mblukkat permezz ta' wajer li qiegħed għoli xi ħames piedi minn wiċċ l-art. Dan kollu huwa ta' ostakolu u ta' periklu tant li sussegwentement il-wajer ġie mliebes pajp ta' kulur isfel. Spjegat li bil-ġebel u materjal li ntefa' taħt il-mitħna, ġie ostakolat il-passaġġ li kien hemm taħt l-istess mitħna. Qabel ma sar dan kollu, hija qalet li qatt ma rat l-ebda passaġġ ieħor 'il barra mill-mitħna.

In kontroeżami, hija kkonfermat li kienet tmur man-nannu fl-għalqa. Ikkonfermat li ġieli rat lill-konvenuti f' dawn l-ambjenti . Spjegat li b' referenza għal Dok FB8, minn fejn kienet tgħaddi man-nannu u minn fejn kienet tara lill-konvenuti għaddejin.

In rieżami, hija spjegat li l-ġebel li jidher f' Dok FB8 kien hemm f' Marzu u f' Mejju 2020 u nqala' minn mal-ħajt tas-sejjieħ li kein hemm filwaqt li nxteħet fin-nofs.

**Inġinier Simon Mizzi** għamel rapport ikkonfermat bil-ġurament li fih irrakomanda li l-wajers li twaħħlu għandhom jitneħħew in vista tal-konstatazzjonijiet tekniċi li għamel.

**PS 506 Derek Buġeja** pprezenta rapport li sar bin-numru 10/Z/739/2020.

**PS 1040 John Grima** xehed li huwa għandu kopja ta' rapport li sar mill-attur fl-20 ta' Marzu 2020. Ir-rapport kien dwar xi periklu li kien hemm fil-mitħna tar-riħ peress li twaħħlu erba' biċċiet ta' wajer għoli ta' xi metru u nofs. L-attur kien ippreżenta rapport ta' l-inġinier Simon Mizzi li kkonferma dan il-periklu. Spjega li huwa tkellem ma' uħud mill-konvenuti. Spjega li kien inġab inġinier Mark Falzon li sussegwentement kien ikkonferma li l-periklu tneħħa.

**PC 1318 Stephen Muscat** ppreżenta kopja tar-rapport tal-pulizija li sar fit-18 ta' Marzu 2020 mill-attur bin-numru 10/Z/1021/2020.

**PC 620 Jonathan Buttiġieġ** ippreżenta kopja ta' rapport bin-numru 10/Z/946/2020.

**PC 75 Kevin Saliba** ippreżenta kopja ta' rapport li sar minn Mario Buttiġieġ bin-numru 10/Z/1012/2000.

**L-Inġinier Mark Falzon** xehed li huwa ġie nkarigat mill-konvenuti. Sostna li huwa aċċeda fuq il-post u ra mitħna marbuta bil-fidiferru. Huwa għamel ir-rapport fit-23 ta' April 2020 u għalhekk kien mar fuq is-sit ġimgħa qabel. Spjega li huwa kien għamel rakkomandazzjonijiet x' kellu jsir. Kompla jgħid li kien issuġġerixxa li jsir ħabel tal-ħadid u mhux fidiferru. Spjega li din il-mitħna tar-riħ sarulha bidliet strutturali. Spjega li huwa ssuġġerixxa li jsir ħabel stiratt fuq żewġ postijiet biex tkun iktar *safe*. Sostna li l-ħabel qiegħed madwar 1.3 metri għoli u għalhekk biex tgħaddi minn taħtu wieħed irid jitbaxxa jew jitkaxkar. Spjega li hemm wkoll spiera fil-viċin u għalhekk huwa iktar perikoluż li tgħaddi minn hemm. Huwa sostna li tgħaddi minn taħt il-mitħna mhuwiex safe.

In kontroeżami, huwa kkonferma li l-fidiferru li kien hemm kien jidher ġdid. Ikkonferma li l-klijenti tiegħu qalulu li dak li ser jissuġġerixxi li jsir, kienu ser jagħmluh huma. Spjega li huwa ma kienx jaf bir-rapport ta' l-Inġinier Mizzi. Ikkonferma li jkun hemm okkażżjonijiet fejn wieħed irid imur fejn il-mitħna bħal għar-raġunijiet ta' manutenzjoni jew biex jintuża l-brejk. Huwa ssuġerixxa li l-ħabel tal-ħadid ikun mgħotti ħalli ma jweġġgħux meta xi ħadd jolqtu.

In rieżami, huwa spjega li l-brejk jintuża għaliex il-mitħna tkun qed iddur b' mod esaġerat u tagħmel ħafna vibrazzjonijiet.

In kontroeżami, huwa kkonferma li fuq is-sit, mar darba biex jara kif kien ix-xogħol u darb' oħra biex jara x-xogħolijiet rimedjali. Spjega li huwa kien mar fuq is-sit biex jara jekk l-iskop kienx qed jintlaħaq u ċioe' li l-mitħna tinżamm soda.

In rieżami, huwa spjega li fuq in-naħa t' isfel ta' din il-mitħna kien hemm l-ħadid mad-dawra għaliex kien hemm il-fidiferru u kif ukoll l-isteel għadda minn ġot-toqba fejn kien hemm ir-rivets tal-ħadid.

**Francis Buttiġieġ** spjega li huwa sid ta' diversi biċċiet ta' raba' li huma konfinanti mar-raba' ta' l-attur. Spjega li din ir-raba' hija tiegħu iżda tinħadem minn uliedu, it-tlett konvenuti l-oħra. Ir-raba' tiegħu għandhom dritt ta' passaġġ minn fuq raba ta' l-istess attur ai termini ta' kuntratt tat-13 ta' Frar 1954 atti tan-Nutar Dottor Giuseppe Cauchi. Spjega li din ir-raba' kienet inxtrat minn missieru Karmnu u missieru Mikieli. Huwa mmarka l-porzjonijiet tar-raba' u spjega li biex jgħaddi mir-raba' mmarkata bħala C għal dik immarkata bl-ittra D, riedu jgħaddu minn fuq l-art ta' l-attur immarkata bħala G. Huwa jiftakar dejjem jgħaddi minn mogħddija li kienet kważi f' nofs l-għalqa tal-attur u tibqa' tiela ghat-tramuntana fejn imbagħad kienu jiksru għal-ilvant minn ħdejn ġiebja li tinsab f' raba' tiegħu. Spjega li kienu jgħaddu hekk peress li kien hemm żebbuġa kbira li kellhom bilfors jduru magħha.

Spjega li meta fl-2015, din ir-raba' ġiet f' idejn l-attur bdew il-problemi. Fl-2016, l-attur qata' nofs iż-żebbuġa sabiex joħloq passaġġ ġdid u talabhom biex minflok jgħaddu minn nofs l-għalqa u ċioe' minn barra ż-żebbuġa, jibdew jgħaddu minn maġenb il-mithna. Spjega li huma hekk għamlu għal dawn l-aħħar erba' snin. Din il-mogħdija il-ġdida tinsab fejn llum l-attur poġġa pajpijiet, ġebel u ħawwel il-ħxejjex. Spjega li fl-istess żmien, l-attur ġab tlett vieġi ħamrija li tefagħhom f' postijiet differenti. Spjega li l-ħamrija kien fiha ġebel tal-maskan fiha u l-attur beda jaħdem billi jneħħi l-ġebel mill-ħamrija u jitfgħu fi tlett bnadi differenti f'post minnhom jkun propju eżatt ma ġenb il-mitħna bejn is-saqajn ta' barra tal-mitħna u l-passaġġ li kienu jgħaddu minnhom huma.

Spjega li fil-25 ta' Frar 2020 uliedu infurmawh li raw lil attur u ibnu jaqilgħu l-mitħna u jagħmlu xi xoghol fiha. Spjega li dawn qatgħu wajer li kien iżomm il-kanna tal-wajer u tawlu l-kanni. Spjega li l-mitħna inkisret u mingħajr il-wajer il-kanna kienet qed titbandal bil-konsegwenza li kienet qed issir iktar ħsara. Spjega li hu u uliedu reġgħu waħħlu l-wajer fejn kien minn dejjem.

Qal li fit-13 ta' Marzu 2020, uliedu infurmawh li raw lil attur jitfa' bosta oġġetti fil-mogħdija l-ġdida li kienu jgħaddu minnha u wara l-attur beda jinsisti li għandhom jgħaddu minn mogħdija ġdida taħt il-mitħna u mhux mill-mogħdija li kienu bdew jgħaddu minnha. Spjega li huma ma aċċettawx li jgħaddu minn taħt il-mitħna għax kien perikoluż u lanqas ma setgħu jgħaddu bil-moħriet jew jgħaddu bil-wajers. Huwa ċaħad li kienu jgħaddu minn fuq il-ġwiebi. Hemm għoli ta' madwar erba' filati minn naħa u ħames filati minn naħa l-oħra. Il-mogħdija li hemm tifred il-ġwiebi hija biss wiesa' ta' madwar żewġ piedi u nofs. Sostna li l-attur ilu għal dawn l-aħħar tlett snin imqabbad magħhom.

In kontroeżami, huwa spjega li huwa qatt ma ra b' għajnejh il-kuntratt ta' divizjoni tal-1954. Sostna li qalulu li fuq l-att ta' diviżjoni, il-passaġġi kollha msemmija li huma bir-riġel. Huwa nsista li kien l-istess attur li tefa' xi rdim taħt il-mitħna. Spjega li minn dejjem kien hemm il-wajers mal-mitħna. Ikkonferma li tbiddlu wara li ġie l-inġinier u qalilhom kif għandu jkunu iktar safe. Ċaħad li l-attur avżah li kien ser jagħmel xi xogħol fuq il-mitħna. Huwa kompla jgħid li huwa ta' periklu li jkun hemm aċċess minn taħt il-mitħna. Spjega li min ikun irid jidħol taħt il-mitħna jista' jaqbad u jaqla' l-wajer u anke l-kanna u imbagħad jerġa' jwaħħalhom.

In rieżami huwa spjega li l-għelieqi jinħartu mill-moħriet. L-attur jgħaddi minn fuq ir-raba' tiegħu bl-addoċċ.

**Mario Buttiġieġ** spjega l-art li hija f' idejh u f' idejn il-familja tiegħu kif ukoll il-passaġġi. Spjega li fl-2015 l-attur xtara l-għalqa u fis-2016 qata' ż-żebbuġa li kien hemm fil-proprjeta' tiegħu. Spjega li l-attur talabhom biex jibdew jgħaddu minn mal-mitħna u minn maż-żebbuġa biex ma jtelfulux il-proprjeta' tiegħu kollha. Spjega li bdew jgħaddu minn hemm. Spjega li sussegwentement, l-attur ħoloq ħafna inkwiet. Sostna li kien l-istess attur li beda jitfa' l-qasab u l-kantuni. Huwa eżebixxa ritratti dwar dak li kien qed jagħmel l-attur f' dawn l-ambjenti. Sostna li llum il-ġurnata ma jistgħux jgħaddu għal ġol-għelieqi. Sostna li ma jistax ikun li jgħaddu minn taħt il-mitħna jew minn fuq il-ġwiebi. Spjega li l-wajers saru għaliex l-attur għamel xogħolijiet fil-mitħna u saret ta' periklu.

Sostna li sa minn dejjem kien hemm wajers mal-mitħna u wara li neħħihom l-attur, missieru reġa' għamilhom. Spjega li minn taħt il-mitħna, lanqas ma' tista' tgħaddi għaliex taqa' ġot-toqba tal-ispiera.

**Frankie Buttiġieġ u Ronnie Buttiġieġ** ikkonfermaw il-kontenut ta' l-affidavit ta' missierhom Francis Buttiġieġ.

In kontroeżami, Ronnie Buttiġieġ spjega li huwa jkun f' dawn l-inħawi kuljum. Sostna li kien l-istess attur li tefa' l-ġebel ġol-passaġġ maġenb il-mitħna. Il-materjal ta' taħt il-mitħna għamlu missieru u warrbu tikka għal ġenb biex jgħaddi. Sostna li meta l-attur qata' ż-żebbuġa, kien qalilhom biex jgħaddu minn x' imkien ieħor. Il-wajers mal-mitħna kienu hemm minn dejjem. Sostna li huma kienu jidħlu minn taħt il-mitħna meta jkun hemm bżonn isewwuwha.

**Perit Alexander Biġeni** spjega li huwa ġie avviċinat minn uħud mill-konvenuti biex jagħmel photo interpretation u jistabilixxi l-mogħdija li allegatament kien hemm.

In kontroeżami, il-perit spjega li meta jkun differenza fil-vegetation, meta wieħed jgħaddi minn fuqu, ma jikber xejn. Spjega li n-natura tieħu *over* fi żmien qasir.

In rieżami, huwa spjega li biex passaġġ jitballat bis-saqajn irid ikun hemm *frequent use*.

**George Cassar rappreżentant tal-Malta Resources Authority** ppreżenta dokumentazzjoni relatata ma' spiera fil-Qala.

**Ikkunsidrat**

**Prinċipji legali applikabbli**

Kif jingħad fir-rikors promotur, il-każ jitratta minn spoll riċenti u privileġġjat kif kontemplat fl-Artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili. L-azzjoni ta' spoll hija msejsa fuq l-ordni pubbliku u hija maħsuba bħala azzjoni mħaffa u effikaci biex ma tħalli 'l ħadd li jieħu l-liġi b'idejh u jxekkel stat ta' fatt, u biex, jekk dan isir, min ikun għamel dan l-att jerġa' jqiegħed kollox minnufih kif kien, qabel kull indaġni oħra. Kontra l-azzjoni ta' spoll ma humiex ammissibbli ħlief eċċezzjonijiet dilatorji (Vide Vol. XXXI. I. 296 Appell 8 ta' Marzu 1943, in re "Francesco Mifsud vs Michele Cassar"; Vol. XXI. II. 83 P'Awla Ċivili, 20 ta' April 1916, in re 'Michelina Falzon vs Giuseppe Bonello et.' Konfermata fl-Appell fis-26 ta' Marzu 1917).

Biex l-attur jirnexxi f'din l-azzjoni tiegħu jrid jipprova tliet affarijiet, u ċjoe`:-

i. li huwa kien jipposjiedi b'pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni;
ii. li huwa ġie spoljat minn dak il-pussess jew detenzjoni;
iii. li huwa mexxa l-quddiem il-kawża fi żmien xahrejn mill-jum li fih sar l-att spoljattiv allegat minnu.

Dawn it-tlett elementi għandhom ikunu kollha pruvati li jeżistu. (Vide f' dan is-sens is-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla fl-1 ta' April 2003 fl-ismijiet Tonna Francis Et Vs Borg Constantino u s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla fl-24 ta' Settembru 2001 fl-ismijiet Sultana Dr Herbert Et Vs Easysell Properties Ltd Et).

Dwar l-element ta' pussess, l-attur għandu jipprova l-pussess effettiv u fattwali tal-proprjeta' jew drittijiet pretiżi da parti tiegħu. Fil-kawża Alfredo Delia vs Bonaventura Schembri et, deċiża fl-4 ta' Frar 1958 intqal li:

> *"Din l-azzjoni hija moghtija lis-semplici detentur, lill-possessur, kif ukoll lis-sid."*

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet Joseph Vassallo Gatt noe vs Joseph Camilleri pro et noe tas-26 ta' Jannar 1996 il-Qorti ta' l-Appell (LXXX.II.306) filwaqt li osservat li kull xorta ta' pussess hu suffiċjenti sabiex tiġi radikata l-kawża ta' spoll, madanakollu tenniet

"*Imma hu dejjem meħtieġ li l-attur jipprova li għandu un possesso di fatto. . .*"

Deċiżjoni identika hija dik fl-ismijiet "Rosina Agius et vs Angelo u Antonia konjugi Agius" tat-2 ta' Novembru 1994, (Appelli Ċivili, LXXVIII.II.319).

Fid-deċiżjoni Gorg Camilleri vs Gorg Bonello tal-5 ta' Ottubru 1998 (Qorti ta' l-Appell, LXXXII.II.499) il-Qorti ta' l-Appell aċċentwat l-utilita' ta' l-azzjoni ta' l-ispoll, u ċioe' dik li tipproteġi l-pussess. Kien għalhekk li saħqet li hu elementari li l-pussess da parti ta' l-atturi jiġi ppruvat. Il-Qorti rreferiet għall-pronunzjamenti fl-istess sens magħmula f'deċiżjonijiet preċedenti għaliha:

*"Kif kellhom okkazjonijiet jippronunzjaw ruhhom in materja dawn il-Qrati, (Koll. Vol. XLII.II.973) l-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq principju assolut tal-gustizzja u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat jiehu l-gustizzja f'idejh, b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat. . . .*

*… "F'azzjoni possessorja ta' din ix-xorta l-att turbattiv tal-pussess li ta lok ghaliha ghandu dejjem ikun identifikabbli u ghandu dejjem jigi bi precizjoni identifikat (spoliatum fuisse) bhala fatt li sehh fi zmien determinat mhux biss ghaliex mill-mument meta javvera ruhu li l-perijodu ta' dekadenza estintiva t'a l-azzjoni jibda jiddekorri imma ukoll ghaliex it-talba jehtieg li tkun ghar-reintegrazzjoni ta' l-attur fl-istat possesorju li kien fih qabel ma sehh il-fatt u dana qabel kull haga ohra (ante omnia restituendum)."*

Hu paċifiku li l-espressjoni "*pussess ta' kwalsiasi xorta*" tikkomprendi tant il-pussess ċivili kemm dak sempliċiment naturali u anke dak vizzju (Vol XLII pII p973). Pero hu meħtieġ dejjem li l-attur jipprova li għandu dan il-pussess (Vol XXXII pII p238). Anke wieħed qasir ħafna u saħansitra pussess momentaneju jibbastaw biex jawtorizzaw l-azzjoni ta' spoll (Vol XXXVII pII p642).

In fatti, il-Qrati tagħna osservaw li sabiex l-atturi jirnexxu f' azzjoni ta' spoll huma għandhom jipprovaw b' mod konklussiv li għandhom *un possesso di fatto* u mhux sempliċiment pussess bażat fuq mera tolleranza:

*"Rigward dan l-element tal-possidesse, l-gurisprudenza interpretattiva tinsenja li biex jigi sodisfatt dna l-ingredjent, l-attur ghandu jipprova b' mod konklusiv li kellu un possesso di fatto, u mhu pussess bazat fuq xi mera tolleranza li ma kienx ikun bizzejjed biex iservi ta' fondament ghall-akkwist tal-pussess mehtieg bhala bazi ta' din l-azzjoni. Attijiet ta' semplici tolleranza ma jistghux jiswew ta' fondament ghall-akkwist ta' pussess, lanqas jekk ezercitati ghal zmien*

*immemorabbli."*(Deċiżjoni mill-Prim' Awla fit-30 ta' April 2004 fl-ismijiet Farrugia Carmelo et vs Farrugia Carmelo et)

Fl-istess sens kienet id-deċiżjoni mogħtija mill-Prim' Awla fis-16 ta' Jannar 2004 fl-ismijiet Dean Marianna sive Mary Anne vs Abela Joseph.

Għandu jiġi rilevat li kif intqal fis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003 fl-ismijiet John Sammut vs Emanuel Sammut:

> *"Huma komunissimi l-kawzi ta' din ix-xorta koncernanti ostakoli jew impedimenti fl-ezercizzju tad-dritt ta' passaggi jew moghdijiet fir-raba. Ezemplari taghhom huma dawk fl-ismijiet "Caterina Vella –vs- Giovanni Vella", Prim'Awla, Qorti Civili, 4 ta' Novembru 1957; "Carlo Cardona et –vsFrancesco Tabone", Appell, 9 ta' Marzu 1992; "John Camilleri –vs- Peter Micallef et" Appell, 9 ta' Marzu 1999; "George Falzon –vs- Joseph Camilleri", Appell, 28 ta' Dicembru 2001 u Rosario Cutajar et –vs Emanuel Gatt et",Prim'Awla, Qorti Civili, 30 ta' Mejju 2002.*
>
> *Ghandu jigi osservat pero` illi kif rilevat fis-sentenza "Giuseppe Cassar et –vs- Paolo Cassar et", Prim'Awla, 11 ta' Marzu 1955, "biex il-gabillott jirnexxi fl-azzjoni ta' spoll minnhu ntentata biex jigi reintegrat fil-pussess ta' passagg li fih jippretendi li gie turbat, jehtieglu jipprova li huwa ghandu l-pussess jew kwazi pussess esklussiv tal-passagg, u mhux bizzejjed li juri li ghandu biss id-dritt li jghaddi mill-passagg."*

Dwar it-tieni element rikjest sabiex tirnexxi din l-azzjoni, u ċioe' it-teħid tal-Pussess b' Għemil tal-Konvenut, għandu jingħadd li jrid jiġi ppruvat li l-konvenut għamel azzjoni kontra r-rieda ta' l-attur li neħħietlu l-pussess in kwistjoni.

Fis-sentenza fl-ismijiet Ellul Filomena vs Ellul Carmel sive Charles deċiża fit-23 ta' Jannar 2003, il-Prim' Awla studjat dan it-tieni element. Hija osservat illi :

> *"Dwar it-tieni element, huwa mehtieg li jintwera li l-ghamil ikun wiehed arbitrarju u maghmul kontra r-rieda tal-possessur b' mod li jista' jaghti lok ghal azzjoni ta' danni kontra min ikun wettqu. Huwa wkoll mahsub li l-ghamil irid ikun wiehed vjolenti jew inqas mistur ghall-gharfien tal-persuna li kellha l-pussess."*

F' Scicluna Louis vs Galea Theresa sive Tessie pro et noe deċiża fil-31 ta' Ottubru 2002, il-Prim' Awla enfasizzat għal darb' oħra fuq il-fatt illi din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata biss kontra minn ikun għamel l-att ta' spoll:

> *"il-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll ikun arbitrarju u kontra l-volonta' tal-pussessur b' mod li jista' jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att."*

L-aħħar element rikjest huwa illi l-azzjoni tal-ispoll tiġi eżerċitata fit-terminu previst mill-liġi. F' Kevin Azzopardi et vs Lawrence Mifsud, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili spjegat fid-deċiżoni tagħha tat-28 ta' April 2004, illi t-terminu ta' xahrejn stipulat fil-Kodiċi Ċivili għall-preżentata ta' azzjoni ta' spoll jiġi kkalkolat miż-żmien meta seħħ l-allegat spoll u mhux minn mindu l-atturi jsiru jafu b' dan l-ispoll:

> *"… l-azzjoni trid tigi esercitata fi zmien xahrejn. Dan ghaliex meta l-pussess ma jkunx kostanti u reali, hu facli biex meta jsir att spoljattiv l-attur jilmenta li ma kienx jaf bih hlief ftit gimghat qabel giet intavolata l-kawza. Dan skond diversi sentenzi ma hux bizzejjed ghaliex il-kliem tal-ligi u cioe' l-Artikolu 535 (1) tal-Kap. 16 hu car, u cioe' li l-azzjoni trid tigi ntavolata mhux iktar minn xahrejn qabel sar l-ispoll u ezattament fi zmien xahrejn mill-ispoll.*

Fis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla fit-13 ta' Frar 2004 fl-ismijiet Alfred Paul Farrugia noe vs Peter Paul Cutajar intqal li

> *"L-azzjoni ta' spoll hija bazata fuq id-dispost tal-artikolu 535 tal-Kap 16 li jiddixxiplina l-azzjoni ta' spoll vjolent li ghandu bhala elementi kostituttivi tieghu tlett fatturi: il-pussess (possidesse), l-att spoljattiv (spoliatum fuisse) u dan l-att sar fi zmien xahrejn qabel ma giet intavolata l-azzjoni (infra bimestre deduxissesse).*
>
> *It-terminu ta' xaharejn hu terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jigix provat li l-azzjoni saret fiz-zmien xaharjen mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma tistax treggi. Inoltre, il-gurisprudenza interpretattiva abbraccjata hi fis-sens dan il-perijodu bimestrali "jibda jiddekorri mid-data li fiha l-attur ikun attwalment u fizikament gie spoljat mill-pussess tieghu u mhux a die scientiae". Interpretazzjoni diversa tmur kontra t-termini espressi tal-Artikolu 535 tal-Kap.16 li ma jaghmel ebda distinzjoni f' dan is-sens imma jghid espressament "fi zmien xaharejn mill-ispoll".*
>
> *F' dan ir-rigward huwa validu l-argument illi kieku l-legislatur ried jipprovdi li z-zmien ta' dekadenza jibda jiddekorri meta l-persuna tkun indunat bl-att turbattiv jew setghet hekk tinduna, kien jipprovdi b' dan il-mod kif ghamel f' diversi kazijiet ohra, u dan fuq l-istregwa tal-principju li quod lex voluit lex dixit. Inoltre l-att spoljattiv li jghati lok ghall-azzjoni huwa meqjus li sehh malli, u fid-data, li fiha gie turbat il-pussess tal-attur, u hija minn din id-data li jibda jiddekorri l-perijodu perentorju ta' xaharejn, u huwa immaterjali ghall-finijiet ta' dan l-element, li l-ispussessament jkun baqa' jippersisti."*

F' dan l-istadju din il-Qorti sejra wkoll tagħmel referenza għal prinċipju ta' **'Vim vi repellere licet'**. Fir-rigward ta' dan, f' Nazzareno Spiteri et vs Karl Busuttil et deċiża mill-Prim' Awla fis-26 ta' Marzu 2014, ġie eżaminat il-prinċipju *vim vi repellere* licet fejn spjegat is-segwenti:

> *"Fuq dan l-aspett, il- Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet "Camilleri vs Bonello" (deċiża fil-5 t'Ottubru 1998) issostni illi:*

*"F'azzjoni possessorja ta' din ix-xorta l-att turbattiv tal-pussess li ta lok għaliha għandu dejjem ikun identifikabbli u għandu jiġi bi preċiżjoni identifikat (spolitaum fuisse) bħala fatt li sar fi żmien determinat mhux biss għaliex mill- mument meta javvera ruħu li ddekadenza estintiva tal-azzjoni jibda jiddekorri, imma wkoll għaliex it-talba jeħtieġ tkun għar-reintegrazzjoni tal-attur." Illi l-Qorti ċċitat sentenza antika (Vol XXIV pt 1 pagna 281) illi irriteniet:*

*"Dell' altro canto chi rimuove ostacoli trovati el passaggio ale proprie terre per apririvi l' accesso che prima possedeva non fa' atto violento, ne' commette spoglio, ne' si fa' giustizia da se ma esercita il su diritto entro i limiti del suo possesso, o meglio, afferma e continua il proprio possesso di cui era in godimento legittimo che fu turbato da chi ha posto quegli ostacoli."*

*Illi l-Qorti mbagħad qalet li dan naturalment japplika a contrario senso. Naturalment pero' din l-azzjoni tal-konvenut trid tkun saret immedjatament wara li jkun sar l-ispoll tal-attur biex tkun ġustifikata (ara wkoll is-sentenzi: "Pellegrini Petit vs Sammut" deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Jannar 1920, kif ukoll "Sammut vs Sammut" deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).*

*Illi għalhekk f'każi simili, il-Qorti trid tiddeċidi jekk l-atturi kellhomx pussess; jekk kienx l-istess attur li ħa l-liġi b'idejh u kwindi kkommetta l-ispoll hu, u kwind jekk il-konvenut kellux dritt jirrespinġi l-ispoll permezz ta' spoll ieħor – ħaġa li hija permessa mill-ġurisprudenza purke l-azzjoni tiegħu tkun proporzjonata (fis-sens li jerġa' jpoġġi l-affarijiet għall-istat li kienu qabel l-ispoll) u mmedjata.*

*Illi l-Qorti jidhrilha li dan il-prinċipju ġie żviluppat biex iservi ta' difiża għal min ikun ġie spoljat mill-pussess tal-ħaġa u jirreaġixxi billi jerġa' jistabbilixxi l-istatus quo ante fis-sens li jerġa' jakkwista l-pussess tal-ħaġa li jkun ġie spoljat minnha. Minħabba f'hekk lazzjoni tal-konvenut trid tkun immedjata għall-ispoll kommess mill-attur. Dan anke għaliex il- gurisprudenza ħadet kont tal-fatt illi n-natura umana hija li hi u huwa naturali li l-bniedem jirreaġixxi b'dan il-mod. Madankollu l-Qrati ma jistgħux jippermettu li lispoljat jieħu l-liġi f'idejh la b'mod sproporzjonat u lanqas wara li jgħaddi ż-żmien fuq l-ispoll oriġinali (dejjem jekk dan sar)."*

F' John Sammut vs Emanuel Sammut deċiża fil-31 ta' Jannar 2003, il-Prim' Awla spjegat li r-rejazzjoni tal-konvenut għandha tkun preċipitata minn xi azzjoni tal-atturi. Għalhekk, irid jiġi pruvat li l-aġir tal-konvenut saret biex l-istess konvenut jirrepella xi att vjolenti tal-attur entro il-parametri tan-nozzjoni ta' l-auto-difesa:

*"....Il-principju "vium vi repellere licet" billi dan il-principju jista' jigi applikat biss meta l-azzjoni difensiva ssir "confestim" u "in continenti" u mhux "ex intervallo" ("Carmela Sant –vs- Gerolamo Deguara et", Appell Civili, 25 ta' Jannar 1989; "Francis Spiteri –vs- Gilju Briffa", Appell, Sede Inferjuri, 15 ta' April 1986). "*

F' Joseph Muscat vs Joseph Chetcuti et, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Jannar 2003 għamlet is-segwenti osservazzjonijiet fir-rigward ta' dan il-prinċipju:

> *"Imbaghad ukoll "nessuno nega che sia lecito non soltanto di conservare e difendere colla forza il possesso ma di ricuperare eziando colla forza il posseso, per effetto della violenza perduta" (Vol. XXIV P I p 281);*
>
> *Fil-kaz de quo minn dak rizultanti mid-deposizzjoni ta' l-istess attir propju fl-ahhar seduta tenuta fit-2 ta' Ottubru 1996 (fol. 123), l-azzjoni tal-konvenut Joseph Chetcuti, li lilha l-attur jattribwilha l-veste ta' att spoljattiv, giet appplikata confestim u in continenti, kif dawn il-kuncetti huma ahjar imfissra fid-decizjoni appena citata u fil-kawza fl-ismijiet "Gorg Camilleri -vs- George Bonello", Appell, 5 ta' Ottubru 1998; …Kif gja fuq rilevat din il-Qorti hi sodisfatta li l-att li minnu llamenta l-attur mhux biss ma jurix li kien hemm negazzjoni jew uzurpazzjoni tad-drittijiet tieghu izda li l-istess att ma kienx jikkostitwixxi spoll jew, jekk kien, l-att sar biex jirrepella l-agir tieghu li f'dik l-okkazzjoni kien intiz li jispossessa lill-konvenuti mill-uzu li kien jispetta lilhom mill-ilma tas-sienja. L-aditu lil Qorti mill-attur fil-kaz de quo ma tidhirx kollox ma' kollox li kienet wahda gustifikata."*

F' Georgina Borg vs Errol Cassar et deciza mill-Prim' Awla fil-21 ta' Ottubru 2002, il-Prim' Awla spjegat li:

> *"Jifdal li tigi konsiderata l-auto-difesa eccepita in linea principali mill-konvenut fuq l-iskorta tal-principju "vim vi ripellere licet";*
>
> *Kif jinsab rispekkjat fid-decizjoni riportata a Vol. XXIV P I p 281, "nessuno nega che sia lecito non soltanto di conservare e difendere colla forza il possesso ma di ricuperare eziando colla forza il possesso, per effetto della violenza perduta.";*
>
> *L-unika kondizzjoni posta f'dan il-kaz hi dik li dan il-principju jista' jigi applikat biss meta l-azzjoni difensiva ssir "confestim" u "in continenti", u mhux "ex intervallo" (Kollazz Vol. XLI P II p 846; Frances Spiteri -vs- Gilju Briffa", Appell, Sede Inferjuri, 15 ta' April 1986; "Carmelo Sant -vs- Gerolamo Deguara et", Appell Civili, 25 ta' Jannar 1989);*
>
> *Jinsab puntwalizzat fid-decizjoni "Notaro Pellegrini Petit -vs- Giuseppe Sammut", Appell Civili, 16 ta' Jannar 1920, "quando si dice 'confestim' non va gia` intesa la parola in senso assoluto e strettament letterale, bensi in senso relativo ed a secondo delle circostanze da apprezzarsi dalla prudenza del giudice.";*
>
> *Biex tissokta tamplifika fuq din it-tema, il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza "Gorg Camilleri -vs- George Bonello" deciza fil-5 ta' Ottubru 1998 hekk irrimarkat:-*

*"Mill-banda l-oħra l-immedjatezza li trid il-liġi ma tistax u ma għandiex tiġi ekwiparata mar-rejazzjoni kontemporanja ma' l-aġir spoljattiv li bih l-attur juzurpa l-pussess tal-konvenut u jakkwistah a skapitu tiegħu.*

*Interpretazzjoni riġida bħal din twassal għal sitwazzjoni assurda jekk mhux ukoll provokatorja għall-konfront fiżiku vjolenti bejn min ikun qiegħed jikkontesta l-istess dritt għax tipprovoka konfrontazzjoni fiżika diretta f'sitwazzjoni spiss esplossiva."*

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti qieset li l-allegazzjoni ta' l-attur hija li ġie kommess spoll għad-dannu tiegħu meta:

i. Il-konvenuti radmu parti mill-passaġġ komuni li kien iservi in konnessjoni ma' l-użu tal-mitħna b' materjal ta' ġebel u materjal ieħor;
ii. Il-konvenuti ffurmaw żewġ passaġġi ġodda li jiżbukkaw għal fuq porprjeta' li kienet posseduta unikament mill-attur;
iii. Il-konvenuti waqqgħu parti mill-ħajt tal-ġiebja;
iv. Il-konvenuti poġġew wajers madwar il-mitħna sabiex ir-rikorrenti ma jkunx jista' jgħaddi mill-passaġġ komuni li qiegħed taħt il-mitħna.

Fir-rigward ta' l-ewwel talba u ċioe' **talba għal dikjarazzjoni li l-konvenuti radmu parti mill-passaġġ komuni fl-inħawi ta' Nigret, Qala, Għawdex li kien iservi in konnessjoni ma' l-użu tal-mitħna, b' materjal ta' ġebel u materjal ieħor, b' mod li wieħed issa ma jistax jibqa' jgħaddi minnu liberalment**, din il-Qorti qieset il-provi kollha prodotti. Hemm provi konfliġġenti f' dan ir-rigward peress li l-attur qed jallega li kienu l-istess konvenuti li għamlu dan il-materjal f' dan il-post in kwistjoni, mentri l-konvenuti qed isostnu li kien l-istess attur li poġġa tali materjal. Din il-Qorti f' din il-kawża għandha quddiemha kawża ta' spoll u ma għandhiex quddiemha xi kawża petitorja. Dak li trid tqis huwa jekk l-attur kellux pussess ta' din l-art li huwa qed isejjaħ bħala passaġġ komuni, u jekk tali pussess ġiex spoljat minnu.

Dwar jekk l-attur kellux pussess ta' dak li huwa qed isejjaħ bħala passaġġ komuni, din il-Qorti tqis li mill-provi rriżulta li l-attur kien jgħaddi minn taħt il-mitħna sabiex jopera l-mitħna u jagħmel xogħolijiet ta' manutenzjoni fuq il-mitħna kif ukoll biex jara kemm fiha ilma l-ispiera. Dan huwa ammess ukoll mill-konvenut Francis Buttiġieġ innifsu li sostna li meta jkun hemm bżonn xogħolijiet fuq il-mitħna, wieħed irid jgħaddi minn taħt il-mitħna.

Madanakollu, xħin tiġi biex tevalwa l-allegat att spoljattiv, din il-Qorti sejra żżomm f' moħħha li fil-11 ta' Marzu 2020 sar rapport mal-pulizija minn uħud mill-konvenuti (vide fol 46) li permezz tiegħu ġie rraportat li kien hemm xi ġebel u ġebel żgħir mas-saqajn tal-mitħna u huma wittew kollox. Il-Qorti qieset ukoll dak li qal l-konvenut Ronnie Buttiġieġ in kontroeżami, fejn spjega li l-materjal ta' taħt il-mitħna għamlu missieru u "*warrbu tikka għal ġenb biex jgħaddi għax tefagħulu borg fin-nofs*". Din il-Qorti ħadet konjizzjoni ukoll ta' dak li rriżulta mill-eżerċizzju tal-Perit

Alexander Biġeni li l-post li kien indikat mill-konvenuti bħala passaġġ jidher li huwa passaġġ meta jiġi evalwati l-pjanti li ttieħdu mill-ajru tul is-snin mill-Awtorita' tal-Ippjanar.

Din il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tad-diversi rapporti oħra li saru mal-pulizija mill-konvenuti u mid-diversi ritratti eżebiti minn Mario Buttiġieġ li minnhom jirriżulta dak li beda kontinwament jagħmel l-attur sabiex jimblokka l-passaġġ li kienu qed jutilizzaw il-konvenuti bil-għan li dawn ikunu kostretti jgħaddu minn taħt il-mitħna u/jew minn fuq il-ġwiebi. In fatti, issir referenza għal Dok MV1, MV2, MV3, MV4, u MV5 b' mod partikolari.

Din il-Qorti f' dan ix-xenarju tosserva li dak li seħħ kien li għalkemm huwa ammess anke fix-xhieda fuq ċitata ta' Ronnie Buttigieg li l-materjal tpoġġa għal ġenb u twitta bil-konsegwenza li tpoġġa ġo dik il-parti li tagħti għal taħt il-mitħna, dan kien biss ir-reazzjoni tal-konvenuti li avverat ruħha wara l-aġir ta' l-attur u għalhekk, l-aġir tal-konvenuti sar biex jirrepella l-aġir ta' l-attur. F' dan id-dawl, din il-Qorti mhijiex sejra tilqa' t-talbiet ta' l-atturi in kwantu jirrigwardaw rdim ta' parti mill-passaġġ komuni li kien iservi in konnessjoni ma' l-użu tal-mitħna b' materjal ta' ġebel u materjal ieħor.

Dwar it-talba tal-attur sabiex jiġi dikjarat li l**-konvenuti kkommettew spoll meta qabdu u ffurmaw żewġ passaġġi ġodda fuq it-tramuntana u nofsinhar tal-mitħna,** din il-Qorti qieset li anke f' dan l-isfond, din it-talba ma timmeritax li tiġi akkolta minn din il-Qorti. L-attur sostna fil-ġbir tal-provi li l-konvenuti kienu dejjem jgħaddu minn dak li sejjaħ passaġġ taħt il-mitħna u/jew minn fuq il-ġwiebi u li kien biss ftit qabel ma' ppreżenta din il-kawża, li dawn iffurmaw żewġ passaġġi ġodda li jiżbukkaw għal fuq proprjeta' pposseduta minnu. Madanakollu, meta wieħed iqies dak li rriżulta mill-eżerċizzju li għamel il-Perit Alex Biġeni kif ukoll mill-fatt li kien hemm żebbuġa kbira li anke tidher mir-ritratti eżebiti mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, kien impossibbli li l-konvenuti jgħaddu minn taħt il-mitħna hekk kif qed jallega l-attur. Tikkombaċa aktar mal-provi prodotti l-verżjoni tal-konvenuti u ċioe' li huma kienu jgħaddu minn passaġġ li ġie mmarkat b' sinjal u vleġġeġ bil-kulur aħmar fuq il-pjanta Dok A2, iżda li wara li ġew mitluba mill-attur biex jgħaddu mill-passaġġ tat-tramuntana stante li l-attur kien żabar is-siġra taż-żebbuġ u stante li b' dan il-mod setgħu jaġevolaw lill-attur billi jnaqqsu t-trapass minn fuq l-għalqa tiegħu.

Għaldaqstant, semmai għal dak li għandu x' jaqsam mal-passaġġ tat-tramuntana biswit il-mitħna (jew kif sejjaħlu l-attur ġewwa minn ġol-għalqa), dan kien ilu jiġi eżerċitat mill-konvenuti sa minn meta l-attur fl-2016 żabar is-siġra taż-żebbuġ u talabhom jgħaddu minn hemm minflok mill-passaġġ l-ieħor immarkat bi vleġġeġ ħomor f' Dok A2. L-attur sostna li semmai dan sar b' mera tolleranza u għalhekk ma għandu jkun hemm l-ebda protezzjoni a favur tal-konvenuti. Madanakollu, din il-Qorti tqis li l-konvenuti bdew jgħaddu minn dan il-passaġġ fl-2016 fuq talba ta' l-istess attur u għalhekk ma kien hemm l-ebda għemil arbitrarju u magħmula kontra r-rieda ta' l-attur. Issa jekk l-attur dawwar il-ħsieb tiegħu u jixtieq li l-konvenuti jgħaddu minn xi imkien ieħor, semmai għandha ssir kawża ta' indoli differenti u mhux kawża possessorja bħal din in eżami. Dana apparti li semmai din l-azzjoni ta' spoll semmai saret b' mod ferm tardiv peress li x-xahrejn stipulati fil-liġi ilhom ferm li ddekkorrew mis-sena 2016.

Dwar il-passaġġ li allegatament ġie ffurmat ġdid mill-konvenuti f' nofsinhar tal-mitħna (minn ġewwa l-ġiebja), din il-Qorti ma tqisx li l-attur ipprova l-elementi rikjesti għal din l-azzjoni. In fatti, anke fl-affidavit tiegħu, l-attur għamel biss referenza għall-passaġġ fuq it-tramuntana u ma semma xejn dwar dan il-passaġġ ġdid iffurmat minn ġewwa l-ġiebja. Fin-nota ta' osservazzjonijiet, issemmiet biss linja fis-sens li l-konvenuti waqqgħu parti mill-ħajt tal-ġiebja biex jgħaddu minkejja li ma għandhom ebda dritt. Fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti lanqas ma hija ser tilqa' t-talba tar-rikorrenti f' dan ir-rigward.

Dwar l-allegazzjoni li **l-konvenuti waqqgħu parti mill-ġiebja**, din il-Qorti qieset ix-xhieda ta' l-attur u ta' ibnu, kif ukoll ħadet in konsiderazzjoni r-ritratt immarkat FB6. Ħadet ukoll in konsiderazzjoni tal-provi mressqa mill-konvenuti. Din il-Qorti setgħet tikkonstata mir-ritratti eżebiti mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma li din il-ġiebja kienet ilha fi stat dilapidat sa minn qabel l-1987. Qieset ukoll ir-ritratt immarkat bħala GC1 li fiha jidher li din il-ġiebja ma kinitx mantenuta b' mod tajjeb. Din il-Qorti ma tqisx għalhekk li ġie ppruvat it-tieni element rikjest f' azzjoni ta' din in-natura.

Dwar l-allegazzjoni li sar spoll peress li **tpoġġew diversi wajers madwar il-mitħna li qed ikunu ta' ostakolu biex l-attur jgħaddi mill-passaġġ komuni li qiegħed taħt il-mitħna**, din il-Qorti reġgħet għal darb' oħra rriskontrat konfliġġenza fix-xhieda mogħtija. L-attur sostna bl-ikbar qawwa li l-wajers saru ftit qabel ma' ġiet ippreżentata din il-kawża u li qatt ma kien hemm tali wajers mal-mitħna. Mill-banda l-oħra, il-konvenuti sostnew li sa minn dejjem jiftakru li kien hemm wajers mal-mitħna, iżda dawn tneħħew mill-attur u ibnu meta ftit qabel din il-kawża, għamlu xogħolijiet fuq il-mitħna u reġgħu saru minnhom peress li l-attur u ibnu ma reġgħux għamlu wajers.

Din il-Qorti ħadet konjizzjoni tax-xhieda prodotta u tar-rapporti taż-żewġ inġiniera ex parte li tressqu fil-mori ta' din il-kawża.

Qieset ukoll li f' partijiet tal-mitħna hemm proprju toqob bil-għan evidenti li jitwaħħlu xi wajers jew materjal ieħor għal stabbilita' ikbar tal-mitħna. Anke li kieku din il-Qorti kellha tiskarta l-evidenza prodotta mill-konvenuti fis-sens li sa minn dejjem kien hemm wajers marbuta mal-mitħna, din il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt li ġie kkonstat ta' l-inqas minn inġinier ex parte li dawn il-wajers jservu għall-istabbilita' u sigurta' ta' din il-mitħna. L-istess inġinier ukoll in linea ma' dak li xehdu l-konvenuti u mill-verżjoni mogħtija mill-attur fir-rapport tal-pulizija 10/Z/739/2020, sarilha xogħolijiet fuqha u għalhekk f' dan il-kuntest, ikun ferm aktar prudenti li dawn il-wajers jitħallew. Dan iktar u iktar meta rriżulta li dawn il-wajers ġew mgħottija b' materjal sabiex ikunu jidhru.

Din il-Qorti qieset l-argument ta' l-attur fis-sens li ntqal li l-wajers li kien hemm mal-mitħna kienu ġodda, iżda dan semmai jikkorrabora l-verżjoni mogħtija mill-konvenuti u ċioe' li l-attur neħħa dak li kien hemm bil-konsegwenza li huma reġgħu waħħlu wajers mill-ġdid. Għalhekk, semmai anke f' din l-eventwalita' japplika l-prinċipju fuq imsemmi ta' v*im vi ripellere licet*.

**Decide**

**Għar-raġunijiet kollha hawn fuq esposti, din l-Onorabbli Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad it-talbiet kollha tal-attur bl-ispejjeż kollha kontra l-istess attur.**

(ft) Dr. Simone Grech
Maġistrat

(ft) Diane Farrugia
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur
16.04.2024 – Sup24.2020 – Buttigieg vs Buttigieg.